**25 ta' Novembru, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Arthur Quintano

*versus*

Joseph Farrugia noe

**Rikuża ta' Imħallef — Art. 735 (d) (ii) u 736 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

*L-eċċezzjoni ta' rikuża ta' Imħallef għandha tiġi akkolta jekk l-attur ikun qiegħed jitlob id-dikjarazzjoni tan-nullità tas-sentenza, mogħtija mill-istess Imħallef sedenti, f'din il-kawża. Dan hu skond l-ispirtu tal-liġi.*

Il-Qorti, rat il-verbal tat-12 ta' Novembru, 1965 (fol. 44) minn fejn jirriżulta li l-attur permezz tad-difensur tiegħu ta l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' l-Imħallef sedenti billi f'dina l-kawża hu qiegħed jitlob id-dikjarazzjoni tan-nullità tas-sentenza, indikata fl-att taċ-ċitazzjoni, mogħtija mill-istess Imħallef sedenti f'dina l-Qorti fil-kawża fl-istess ismijiet tal-lum u deċiża fid-9 ta' Novembru, 1964;

Rat l-atti ta' dik il-kawża u s-sentenza mogħtija fuqha, kif ukoll l-atti l-oħra fejn l-attur ġie mħarrek talli ma obdiex l-ordni lilu mogħtija f'dik is-sentenza li ġew deċiża fl-10 ta' Mejju, 1965;

Ikkunsidrat:

Illi r-raġunijiet li għalihom ingħatat l-eċċezzjoni riferita m'għandhomx bżonn ta' prova, billi dawn huma kostitwiti minn fatti li jirriżultaw mill-qari u eżami tal-proċeduri ġudizzjarji, li jissemmew fl-atti ta' dina l-kawża; kien l-Imħallef sedenti li ddeċieda l-kawża bejn il-partijiet tal-lum u li din is-sentenza li qegħda *tintalab* li tiġi dikjarata nulla. Każ bħal dan hu previst mill-Artikolu 735 (d) (ii) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Illi wara li eżaminat *l-atti* u proċeduri kollha li pprečedew il-kawża preżenti, il-Qorti tħoss li għalkemm ma kienx hemm xi deċiżjoni definittiva mill-Imħallef sedenti li tirrigwarda l-merit· tal-kawża preżenti "ut sic" b'dana kollu l-attur hu ġustifikat li jagħmel l-oppożizzjoni li għamel mħabba xi konsiderazzjonijiet li saru li f'moħħu jistgħu jiġu nterpretati bħala espressjoni ta' opinjoni dwar dana l-meritu. Ċertament f'każi

bħal dawn, meta jkun hemm dubbju b'ġustifikazzjoni simili, jkun skond l-ispirtu tad-dispożizzjoni tal-liġi ċitata li l-Imħal-lef rikużat jiddekreta favorevolment għall-eċċezzjoni u dana a bażi ta' l-ispirtu li jispira l-eċċezzjoni simili; rikavabbli wkoll mid-dispożizzjoni tal-artikolu 736 tal-Kodiċi ċitat, u fondat fuq ir-rikonoxximent u l-opinjoni tal-litiganti li tkun qegħda ssir ġustizzja. L-eċċezzjoni ġiet mogħtija fiż-żmien debitu, kif jirriżulta ċar mill-proċess.

Għal dawna l-motivi:—

Tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-attur u tiddekreta li hemm lok għas-surroga ta' Imħallef ieħor, biex quddiemu tit-kompla l-kawża. L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza fuq il-meritu.